MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2013

Numru. 689/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**VINCENT ABELA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Vincent Abela ta' 67 sena, bin Joseph u Theresa nee' Vella mwieled Hal-Tarxien fis-7 ta' Dicembru 1946 u joqghod 13 Triq it-Tabib Jimmy Farrugia, Hal-Tarxien detentur tal-karta tal-identita' numru 1034346M.

Akkuzati talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe', talli fil-1 ta' Gunju

2013 ghal habta ta’ 7pm u/jew hinijiet wara waqt li kien fi Triq Tal-Labour Rahal Gdid u/jew f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq semplici ta’ diesel u/jew oggetti ohra minn trakk tal-ghamla Leyland numru tar-registrazzjoni CVP003 propjeta ta’ Carmel Brincat minn San Gwann u/jew persuni ohra liema serq aggravat bil-mezz, lok, hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Ukoll talli fil 21 ta’ Gunju 2013 ghal habta ta’ 7pm u/jew hinijiet wara li kien fi Triq Tal-Labour Rahal Gdid u/jew f’dawn il-gzejjer ikkommetta serq semplici ta’ diesel u/jew oggetti ohra minn trakk tal-ghamla Leyland numru tar-registrazzjoni CVP003 propjeta ta’ Carmel Brincat minn San Gwann u/jew persuni ohra liema serq aggravat bil-mezz, lok u hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SZ3 u nnutat li l-imputat Vincent Abela m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat ikkumpensa lill-parte civile rigward ir-rifurtiva.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu illi l-imputat ghandu problema ta’ abbuz mill-alkohol u ghall-fini li l-imputat ikun

assistit sabiex jeghleb dan il-vizzju umilment talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 18, 261 (b), (e), (f) u (g), 263, 264, 269, 270, 271 (g), 278 (3), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Vincent Abela, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Vincent Abela taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-vizzju ta' abbuz mill-alkohol.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Vincent Abela.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Vincent Abela kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Vincent Abela l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------